



IL-  
KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, XXX  
[...] (2013) XXX abbozz

**ANNES GĦALL-OPINJONI TAL-EASA 05/2013**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

ta' **XXX**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2), 8(3) u 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-operaturi u l-persunal involut fit-tħaddim ta' ċerti inġenji tal-ajru jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (2) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għat-tħaddim sigur tal-inġenji tal-ajru.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-Opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### ***Emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012***

Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Anness I (Definizzjonijiet), hija mdaħħla d-definizzjoni li ġejja:  
'(125) 'Kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira sterili' tfisser kwalunkwe perjodu ta' ħin fejn il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira ma jgħux disturbati jew imfixkla, ħlief minħabba kwistjonijiet kritiċi għat-tħaddim sigur tal-inġenju tal-ajru jew is-sigurtà tal-okkupanti.'
2. Fl-Anness III (Parti-ORO) il-paragrafu ORO.GEN.110(f) huwa emendat kif ġej:

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 79, 13.3.2008, p. 1.

‘(f) Operatur għandu jistabbilixxi l-proċeduri u l-istruzzjonijiet għat-tħaddim sigur ta' kull tip ta' inġenju tal-ajru li jkun jinkludi dmirijiet u responabbiltajiet ta' membri tal-ekwipaġġ u persunal ta' fuq l-art, għat-tipi kollha ta' operazzjonijiet fuq l-art u waqt it-titjira. Dawn il-proċeduri u struzzjonijiet ma għandhomx jitolbu lill-membri tal-ekwipaġġ biex iwettqu xi attivitajiet matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira minbarra dawk meħtieġa għat-tħaddim sigur tal-inġenju tal-ajru. Il-proċeduri u l-istruzzjonijiet għandhom jinkludu proċeduri għall-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira sterili.’

3. Fl-Anness IV (Parti-CAT), in-numerazzjoni tal-paragrafu CAT.GEN.MPA.125 hija emendata kif ġej:

‘CAT.GEN.MPA.~~125~~126 Taxiing ta' ajruplani’

4. Fl-Anness IV (Parti-CAT) huwa mdaħħal il-paragrafu li ġej:

‘CAT.GEN.MPA.125 Taxiing ta' inġenji tal-ajru

L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri għat-taxiing biex jiżgura tħaddim sigur u biex itejjeb is-sigurtà fuq ir-runway.’

5. Fl-Anness VI (Parti-NCC), in-numerazzjoni tal-paragrafu NCC.GEN.120 hija emendata kif ġej:

‘NCC.GEN.~~120~~121 Taxiing ta' ajruplani’

6. Fl-Anness VI (Parti-NCC) huwa mdaħħal il-paragrafu li ġej:

‘NCC.GEN.120 Taxiing ta' inġenji tal-ajru

L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri għat-taxiing biex jiżgura tħaddim sigur u biex itejjeb is-sigurtà fuq ir-runway.’

7. Fl-Anness VIII (Parti-SPO), in-numerazzjoni tal-paragrafu SPO.GEN.120 hija emendata kif ġej:

‘NCC.GEN.~~120~~121 Taxiing ta' ajruplani’

8. Fl-Anness VIII (Parti-SPO) huwa mdaħħal il-paragrafu li ġej:

‘SPO.GEN.120 Taxiing ta' inġenji tal-ajru

L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri għat-taxiing biex jiżgura tħaddim sigur u biex itejjeb is-sigurtà fuq ir-runway.’

## *Artikolu 2*

### ***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*

*[...]*

*Membru tal-Kummissjoni*